MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 33/2019 LM

**Allied Newspapers Limited (C308)**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Project Malta Ltd u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2018 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni sabiex l-kliem "Project Malta Ltd" jiġu sostitwiti bil-kliem "Projects Malta Ltd."**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-socjetà rikorrenti **Allied Newspapers Limited** (C308) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] minn deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Marzu, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni

appellata"], mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni [minn issa 'l quddiem "il-Kummissarju"] tad-Data tat-30 ta' Lulju, 2018, u kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li ċaħad it-talba tal-appellanta sabiex **Projects Malta Limited**, hawnhekk "l-appellata", tiġi ordnata tagħti l-lista tal-membri tal-*evaluation committee* li kienu ġġudikaw it-*tender* pubbliku numru RFP/04/201 għall-immaniġġjar ta' tliet sptarijiet pubbliċi (l-Isptar San Luqa, l-Isptar Karin Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex) li kien intrebaħ minn Vitals Global Healthcare. Permezz tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

> *"Għaldaqstant dan it-Tribunal għar-raġunijiet premessi qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-appellanti Allied Newspapers Limited tenunt kont li t-talba tagħhom tirrigwarda l-ismijiet tal-Kumitat Selettiv (selection committee jew Evaluation Committee)."*

## <u>Fatti</u>

2. Fl-1 ta' April, 2018 is-soċjetà appellanta permezz tal-ġurnalist tagħha Jacob Borg, għamlet talba *ai termini* tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta) lil Projects Malta Limited, sabiex tingħatha *"a list of all members on the evaluation committee for the assessment and awarding of the request for proposals for the services concession for the*

*redevelopment, maintenance, management and operation of the sites at St Luke's Hospital, Karin Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital (RFP/04/201)",* liema *tender* kien intrebaħ minn Vitals Global Healthcare.

3. Fis-6 ta' April, 2018 Projects Malta Limited kienet ċaħdet din it-talba ta' Projects Malta Limited għar-raġuni li:

> "*in terms of Article 3 of the Freedom of Information Act, an eligible person has a right of access to documents held by public authorities. We note however that you have not requested access to any specific documents held by Projects Malta Limited*".

4. Fit-2 ta' Mejju, 2018, is-soċjetà appellanta ressqet ilment lil Kummissarju sabiex jirrevedi l-każ u jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta sostniet it-talba tagħha lill-Kummissarju billi qalet li bosta awtoritajiet pubbliċi oħrajn ipprovdew l-informazzjoni mitluba taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni anki fejn ma kinitx saret talba għal xi dokument speċifiku. Is-soċjetà appellanta spjegat li "*the whole point of the FOI Act was to increase transparency, so refusing a request just because a specific document has not been requested goes against the very spirit of the Act. The information is within Projects Malta's possession, and it can be very easily complied*". Barra minn hekk Projects Malta sostniet ukoll li l-informazzjoni rikjesta kienet *"personal data"*.

5. Fid-deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Lulju, 2018[1], il-Kummissarju kkonkluda illi:

> *"the decision not to provide the applicant with the list of all members on the evaluation committee for the assessment and awarding of the request for proposals for the service concession for the redevelopment, maintenance, management and operation of the sites at St. Luke's Hospital, Karin Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital, is justified and in compliance with the Act, in particular article 5(3)(a) and 32(1)(c)(ii) of the Act".*

**Mertu**

6. Is-soċjetà appellanta istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' rikors fis-16 ta' Awwissu, 2018, fejn għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbet lit-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data tat-30 ta' Lulju, 2018 u jordna lill-istess Kummissarju jieħu l-passi neċessarji biex jassigura illi s-soċjetà Projects Malta tforni lis-soċjetà appellant l-elenku tal-membri li kienu jikkostitwixxu l-*evaluation committee* li wassal biex il-kumpannija Vitals Global Healthcare tingħata kuntratt pubbliku għar-"*redevelopment, maintenance, management, and operation"* tal-Isptar San Luqa, l-Isptar Karin Grech, u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-isfond tat-*tender* pubbliku li kien ġie ppubblikat bin-numru RFP/04/201.

[1] Il-Kummissarju ta d-deċiżjoni tiegħu fit-30 ta' Lulju, 2018, imma kemm it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u anki s-soċjetà appellanta fir-Rikors tal-Appell tagħha, jgħidu li l-Kummissarju ta d-deċiżjoni tiegħu fit-13 ta' Lulju, 2018.

## Id-Deċiżjoni Appellata

7. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ra l-appell tas-soċjetà Allied Newspapers Limited li permezz tiegħu appellaw mid-deċiżjoni tal-Kummissjarju dwar I-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-13 ta' Lulju 2018 li permezz tagħha l-Kummissarju ċaħad it-talba tal-appellanti sabiex jordna lil Projects Malta limited tagħti lista tal-membri tal-Kumitat Selettiv (*Selection Committtee *jew* Evaluation Committee *li kienu ġġudikaw t-*tender *pubbliku numru RFP/04/201) għall-immaniġġjar ta' tliet sptarijiet pubbliċi (Sptar San Luqa, Sptar Karin Grech u Sptar Ġenerali ta' Għawdex) li kien intrebaħ minn Vitals global Healthcare.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju kien ċaħad it-talba* ai termini *tal-Artikolu 5(3)(a) 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsisti fis-segwenti:*

*(a) it-talba qed* (recte: issir) *wara li ġie ġudikat it-*tender *pubbliku u mhux qabel u għalhekk tali żvelar ma jippreġudikax it-trankwillità rikjesta mill-aġġudikanti tat-*tender*; li l-portata tad-deċiżjoni tal-persuni involuti kienet waħda massima għaliex tolqot lil kull wieħed u waħda minna ċ-ċittadini Maltin li jagħmlu użu mis-servizzi tas-saħħa pubbliċi oltre li l-prezz tal-għoti tal-kuntratt huwa ta' portata stratosferika. U li awtoritajiet pubbliċi oħra ma naqsux milli jagħti l-istess tip ta' informazzjoni bħal dik rikjesta mill-esponenti in konnessjoni ma'* tenders *pubbliċi li kienu involuti fihom dawn l-awtoritajiet pubbliċi. Din il-prassi qatt ma kellha l-effett li jippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lil Gvern jew lil awtorità pubblika oħra għal finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-awtorità li qed jibża' li jista' jkollu l-Kummissarju.*

*(b) it-tieni raġuni li ta għal Kummissarju għar-rifjut a bazi tal-Artikolu 32(1)(c)(ii) tal-Kap. 496 hija* ultra petita *fis-sens li din qatt ma kienet tikkostitwixxi bażi għar-rifjut da parti ta' Projects Malta Limited għar-rikjesta tal-esponenti.*

*Fir-rikors tal-appell taghhom l-appellanti jidħlu fid-dettall għaliex fil-fehma tagħhom dawn l-aggravji jekk mhux it-tnejn wieħed minnhom għandu jintlaqa'.*

*Ra d-deċiżjoni tal-Kummissarju li qed isir dan l-appell minnha u fiha I-Kummissarju qed jikkontendi li:*

Having considered Article 5(3)(a) of the Act cited by the Public Authority on the basis of which the applicant's request which was refused which stipulates that the Act shall not apply to documents in so far as such documents contain personal data subject to the Data Protection Act; having considered the proviso to Article 5(3)(a) of the Act, which provides that "where it is possible to release a document with such data or information deleted this shall be done in accordance with article 13(1) and (2) and that such proviso cannot apply as the applicant is solely interested in obtaining the identifiable details of the members of the committee; that the request constitute personal data in terms of the definition set out under the Data Protection Act and that the document is an exempt document and its disclosure under this Act could reasonable be expected to prejudice the administration of matters administered by the authority in terms of Article 32(1)(c)(ii) of the Act.

*Ra r-risposta tas-soċjetà appellata Projects Malta Limited li permezz tagħha jikkontendi li dan l-appell għandu jiġi miċħud stante li dak li qed jintalab jaqa' taħt it-tifsira ta'* personal data *tal-Kap. 496, li I-artiklu 9 tal-Kap 586 ma jipprovdix li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 496 għandhom jiġu injorati jew ridotti nulla anzi jgħid li l-kontrollur "għandu jiżgura li l-ipproċessar huwa proporzjonat, neċessarju u ġustifikat għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali."; u stante li wkoll li tali informazzjoni hija eżentata ukoll mill-artikolu 32(1)(ċ)(ii) li jipprovdi li informazzjoni għandha tkun eżentata fejn din tista' raġonevolment tippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lil Gvern jew lil entità pubblika oħra għal finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-entità. Li l-identità ta' dawn il-persuni li jinħatru fuq Kumitati ta' Evalwazzjoni għandha tibqa' mistura u l-Gvern għandu jirrispondi għal kwalunkwe deċiżjoni li tkun ittieħdet għar-rigward tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni stante li Kumitat jirrakkomanda biss jista' u huwa l-Gvern li jieħu d-deċiżjoni finali.*

*Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2018 t-Tribunal laqa' t-talba għal korrezzjoni magħmula mill-appellanti sabiex minflok il-kliem 'Project Malta' jidħlu l-kliem*

*'Projects Malta'. Jacob Borg (seduta 13 ta' Novembru 2018) xehed li kienu għamlu* Freedom of Information Request *lil Projects Malta biex jaraw min kien fuq l-*adjudication committee *li għażlu lil Vitals bħala* bidders *u li f'Diċembru tas-sena l-oħra kienu għamlu talba simili lill-Enemalta dwar l-*powerstation *wara* bid *pubbliku u din ingħatatilhom u ppreżenta dokument li jipprova dan. Huwa spjega li l-interess pubbliku f'din it-talba ħuwa għax huma għandhom dritt ikunu jafu min għażel lil Vitals Global Limited li ma għandha ebda esperjenza fil-*healthcare *u apparti minn hekk kien hemm kontroversja sħiħa dwar din l-għażla.*

*Ikkonsidra li l-appellanti għalaq il-provi tiegħu fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2018 filwaqt li l-appellat straħ fuq il-provi mressqa.*

*Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.*

*Ikkunsidra ulterjorment:*

*Illi t-talba tal-appellanti hija sabiex jingħata mingħand Projects Malta Limited l-lista tal-membri li kienu jiffurmaw parti mill-Kumitat Selettiv (*Selection Committtee *jew* Evaluation Committee *li kienu ġġudikaw t-tender pubbliku numru RFP/04/201) għall-immaniġġjar ta' tliet sptarijiet pubbliċi (Sptar San Luqa, Sptar Karin Grech u Sptar Ġenerali ta' Għawdex) li kien intrebaħ minn Vitals global Healthcare.*

*<u>Freedom of Information Act Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta</u>*

*Bħala prinċipju kull ċittadin fl-Unjoni Ewropea għandu aċċess għad-dokumenti. Dan insib fl-artiklu fl-artiklu 15(1) qabel 255* EC Treaty on *u fl-artiklu 16 qabel l-artiklu 286EC tat-Trattat magħruf bħala* Treaty on the functioning of the European Union*. L-istess prinċipju insibu fl-artiklu 42 tal-*EU Charter of Fundamental Rights*. Però hemm deroga għal dan il-prinċipju u dawn l-eċċezzjonijiet dejjem ġew interpretati li jridu jiġu interpretati* "narrowly and applied strictly"*. Vide Case C-506-08 P Sweden v Commission 21 July (2011) ECR I-nyr at paras 75-6:*

“para 76. Thus if the institution concerned decides to refuse access to a document which it has been asked to disclose, it must, in principle, explain how disclosure of that document could specifically and effectively undermine the interest protected by the exception - among those provided for in Article 4 of Regulation No 1049/2001 - upon which it is relying.”

*Dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artiklu 4(1) (a) dwar meta tali informazzjoni hija prekluża meta hemm* "where disclosure would undermine the protection of the public interest as regards, public security, defence and military matters, international relations and/or the financial, monetary or economic policy of the EU or of a Member State. *(see Joined Cases T-3/00 & T-337/04 Pitsiorlas v Council (2007) ECR* II-*4779.)*

*B'referenza għall-artiklu 4(2) jingħad li:* unless there is an overriding public interest in disclosure, the EU institutions are also required to refuse access to a document where its disclosure would undermine the protection of commercial interest of a natural or legal person including intellectual property and court proceedings and legal advice and the purpose of inspections, investigations and audits.

In Joined Cases T-355/04 & T-446-04 Co-Frutta the Genera/ Court noted at para 133 in relation to this exception:

'The aim behind the application for access to the documents (in this case) is that of verifying the existence of fraudulent practices on the part of the applicant's competitors. The applicant thus pursues, amongst other objective, the protection of its commercial interests. However, it is not possible to categorise the applicant's commercial interests as being an "overriding public interest" which prevails over the protection of the commercial interests of traditional operations, the objective underlying the refusal of access to a part of the documents requested. In addition, the pursuit of the public interest in identifying cases of fraud in order to ensure the smooth operation of the banana market is not a matter for the operators but for the competent Community and national public authorities where appropriate following an application made by an operator.'

*Ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li daħlu fis-seħħ fis-sena 2001 dwar il-libertà għall-informazzjoni huwa* Regulation (EC) 1049/2001 and Regulation (EC) 45/2001 *dwar protezzjoni tad-data. L-ewwel regolamentazzjoni tiggarantixxi:* "widest possible access to document" *mentri l-protezzjoni tad-data tiġbed fid-direzzjoni opposta stante li tassiġura protezzjoni tal-privatezzi tal-individwi li d-data personali tagħha hija proċessata mill-Unjoni Ewropea jew mill-istituzzjonijiet jew korpi tal-istati membri. Vide Joined Cases C-39/05 P & C-52/05 P Sweden and Turco v Council (2008) ECR 1-4723 para 49; and Case C-139/07 P Commission v Technische Glaswerke llmenau 29 June (2010) ECR I-nyr.para 53, fejn ġie ritenut li*

"if a body subject to the provisions of the regulation (EC) no 1049/2001 decides to refuse access to a requested document it must in principle explain how disclosure of that document could specifically and effectively undermine the interest protested by the Article 4 exceptions."

*__Eċċezzjonijiet għall-għoti ta' informazzioni dwar tenders u kuntratti pubbliċi__*

*L-Att dwar il-Libertà tal-lnformazzjoni jistabbilixxi numru ta' eżenzjonijiet għal prinċipju tal-aċċess ta' informazzjoni minn awtoritajiet pubbliċi. Dawn l-eżenzjonijiet japplikaw kemm għal informazzjoni dwar it-*tender *u għal kuntratti u huma stabbiliti fl-artikolu 5 u 31 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament li d-data personali hija suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440) (art 5 (3)(a) Kap. 496) u li l-informazzjoni li l-iżvelar tagħha hu projbit minn xi liġi oħra (Art 5(3)b) Kap. 496.*

*Art. 5(3)(a): li I-Kap. 496 ma japplikax għal dokumenti li jkun fihom "data personali suġġetta għall-att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data"; u*

*Art 32(1)(ċ)(ii) - dokument huwa dokument eżentat u l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela informazzjoni dwar persuna fir-rigward tal-affarijiet tan-negozju jew personali tiegħu jew dwar l-affarijiet tan-negozju kummerċjali jew finanzjarji ta' organizzazzjoni jew intrapriża billi tkun informazzjoni li l-iżvelar tagħha taħt dan l-Att jista' jkun raġonevolment mistenni li jippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lil Gvern jew lil awtorità pubblika oħra għal finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-awtorità.*

*__Jingħad ukoll li l-artikolu 32(3) jgħid li s-subartikolu (1)(ċ) ma għandux japplika għal informazzjoni li għandha x'taqsam biss mal-istatus ta' persuna bħala membru ta' professjoni.__*

*Li mill-premess għalhekk jirriżulta li ma hemm xejn kontra I-Kap 496 jekk l-informazzjoni mitluba tkun tirrigwarda biss l-istatus ta' persuna bħala membru ta' professjoni iżda mhux l-isem jew ismijiet ta' tali persuna.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal ghar-raġunijiet premessi qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-appellanti Allied Newspapers Limited tenut kont li t-talba*

*tagħhom tirrigwarda l-ismijiet tal-Kumitat Selettiv (*selection committee *jew* Evaluation Committee*)"*

## L-Appell

8. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-15 ta' April, 2019, fejn:

> *"...l-appellanti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-Deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data ta' nhar it-13 ta' Lulju 2018, fl-ismijiet premessi, b'dan illi tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-13 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet premessi, u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet magħmula mill-appellanti lil Projects Malta Limited biex din tforni lill-appellanti l-elenku tal-membri li kienu jikkostitwixxu l-Kumitat Selettiv (Evaluation Committee) li wassal sabiex il-kumpannija Vitals Global Healthcare tingħata l-kuntratt pubbliku għall-isvilupp, manteniment, immaniġġjar u operazzjoni* (redevelopment, maintenance, management, and operation) *tal-Isptar San Luqa, l-Isptar Karin Grech, u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-isfond tat-*tender *pubbliku li kien ġie ppubblikat bin-numru RFP/04/201, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din il-Qorti tħossha xieraq li tagħti, inkluż, jekk ikun meħtieġ, illi l-Kummissarju jiġi ordnat biex joħroġ tali ordni hu lill-Projects Malta Limited."*

Dan filwaqt li ressqet is-segwenti ħames aggravji: (1) nuqqas ta' distinzjoni bejn l-aggravji; (2) applikazzjoni ta' liġi li m'għadhiex fis-seħħ; (3) l-inapplikabbilità tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496; (4) l-inapplikabbilità tal-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 496; (5) l-applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 32(2) tal-Kap. 496.

## Ir-Risposta tal-Appell

9. Is-soċjetà appellata min-naħa tagħha tilqa' billi ssostni li għar-raġunijiet imfissra l-appell interpost mill-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud minn din il-Qorti u b'hekk tiġi kkonfermata d-deċiżjoni appellata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, flimkien mar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fl-isfond tad-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal.

*L-ewwel aggravju: nuqqas ta' distinzjoni bejn l-aggravji*

Fl-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal donnu naqas milli japprezza illi kien hemm żewġ aggravji distinti magħmula mill-appellanta fl-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Kummissarju. L-appellanta tgħid li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal jorbot kollox flimkien, ipoġġi kollox f'keffa waħda u jagħti deċiżjoni waħda bla distinzjoni bejn l-aggravji li ġew imressqa. L-appellanta tgħid li l-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal kellu jikkonsidra l-artikoli tal-liġi li fuqhom huwa msejjes l-appell, mhija xejn għajr riproduzzjoni, fi kliem it-Tribunal, ta' x'jgħid it-test tal-liġi. Barra minn hekk l-appellanta ssostni li mkien fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal ma jagħmel

distinzjoni bejn l-aggravji u kkunsidrahom wieħed wieħed. Ma jistax jingħad għalhekk illi d-deċiżjoni appellata tagħti l-livell ta' raġunament u konsiderazzjoni li trid il-liġi, b'mod partikolari tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, mid-deċiżjonijiet ta' qrati u/jew tribunali. Is-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell li ppreżentat quddiem it-Tribunal kienet qalet illi għandu jkun prinċipju sakrosant illi kull min jaqdi funzjoni pubblika għandu jkun taħt l-iskrutinju tal-pubbliku in ġenerali, għax hekk biss jista' jkun hemm kontabilità tal-għemil ta' dawn il-persuni. Wieħed ma jistax jippretendi li jaqdi funzjoni pubblika mbagħad joġġezzjona li jiġi ppubblikat ismu. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li meta wieħed ipoġġi fuq naħa waħda tal-miżien id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-fatt li hawn qed nitkellmu dwar persuni li kienu qed jaqdu funzjoni pubblika u li jitħallsu minn fondi pubbliċi, li si tratta ta' *tender* ta' interess pubbliku li għandu jkun fl-aktar mod trasparenti, li kulma qed jintalab hija lista tal-ismijiet tal-persuni li fil-qadi tal-funzjoni pubblika tagħhom aġġudikaw it-*tender*, u fuq in-naħa l-oħra tal-miżien ix-xkiel għall-privatezza ta' dawn il-persuni li jista' jitqajjem bis-sempliċi fatt li jiġi żvelat isimhom, wieħed ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni li t-talba tas-soċjetà appellanta hija ġustifikata, neċessarja u fl-interess pubbliku u għalhekk għandu japplika l-artikolu 9 tal-Kap. 568, li jfisser li l-informazzjoni mitluba mhijiex protetta u riservata *ai termini* tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496. Kwantu għat-tieni aggravju li ressqet quddiem it-Tribunal, is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Kummissarju li japplika l-artikolu 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap. 496, li l-iżvelar tal-informazzjoni taħt dan l-Att jista' jkun raġonevolment

mistenni li jippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lill-Gvern jew lill-awtorità pubblika oħra għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-awtorità, hija *ultra petita* fis-sens li din qatt ma kienet tikkostitwixxi bażi għar-rifjut da parti ta' Projects Malta Limited għar-rikjesta tas-soċjetà appellanta. Tgħid ukoll li dan ir-raġunament ma jreġix u lanqas dak li ntqal mill-Kummissarju dwar l-i*standard operating procedures* tad-Dipartiment tal-Kuntratti li ma jippubblikax l-ismijiet tal-membri tal-*evaluation committee* matul il-proċess tal-evalwazzjoni, u lanqas wara li jiġi terminat, ma jreġi 'il għaliex dak li qiegħed jintalab mis-soċjetà appellanta huwa biss lista ta' ismijiet ta' persuni li qdew funzjoni pubblika f'*evaluation committee* ta' *tender* pubbliku, fi żmien meta l-proċess diġà ngħalaq u ilu magħluq għal diversi xhur. Għalhekk qatt ma' jista' jkun hemm biżgħa li l-proċess tat-*tender* jista' b'xi mod jiġi influwenzat jew affettwat mill-istess talba u lanqas ma jista' jingħad illi ser jiġu affettwati proċessi oħra simili aktar 'il quddiem. Allura ma kinitx tqum il-problema li l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba setgħet tiddisturba t-trankwillità meħtieġa biex l-aġġudikanti tat-*tender* ikunu ħielsa minn kull pressjoni li tista' ssir fuqhom.

11. Is-soċjetà appellata laqgħet għal dan l-aggravju billi qalet li huwa għal kollox inveritier u bla ebda bażi dak li ntqal mis-soċjetà appellanta li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma tagħmilx distinzjoni bejn l-aggravji mressqin minnha. Dan għaliex id-deċiżjoni tagħmel riferiment ċar għaż-żewġ artikoli li huma l-

bażi ta' kull wieħed miż-żewġ aggravji li s-soċjetà appellanta ressqet quddiem it-Tribunal. In fatti d-deċiżjoni appellata tagħmel riferiment b'mod separat kemm għal artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496, u kif ukoll għall-artikolu 32(1)(ċ)(ii) tal-istess Att, liema żewġ artikoli tal-liġi ġew ċitati mill-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu u sussegwentament servew bħala l-bażi tal-aggravji għas-soċjetà appellanta.

12. Il-Qorti tqis li tabilħaqq it-Tribunal fil-parti konklussiva tad-deċiżjoni tiegħu kulma għamel kien li rriproduċa l-artikoli 5(3)(a) u 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap. 496 mingħajr ma interpretatahom u applikahom b'mod konkret għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Tqis illi t-Tribunal naqas milli jikkonsidra separatament iż-żewġ aggravji tas-soċjetà appellanta u naqas milli jimmotiva r-raġunijiet, artikolu, artikolu, għalfejn fid-deċiżjoni appellata ċaħad l-aggravji tas-soċjetà appellanta. Minflok it-Tribunal għażel li jiċċita każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li mhijiex rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-appell odjern, li titkellem dwar żvelar li jkun jimmina l-interess pubbliku għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, difiża, affarijiet militari, relazzjonijiet internazzjonali, u/jew l-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni Ewropea jew ta' stat membru. Għall-kuntrarju l-iżvelar rikjest mis-soċjetà appellanta assolutament ma jimminax l-interess pubbliku, imma kien fl-interess pubbliku li dan l-iżvelar isir u jkunu magħrufa min kienu l-membri tal-*evaluation committee* li aġġudika *tender* pubbliku ta' miljuni kbar ta' Euro b'rabta mal-iżvilupp, manteniment, immaniġġjar u operazzjoni ta' tliet

sptarijiet pubbliċi, fl-akbar trasparenza sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-imsemmi kumitat kienu ħielsa minn kull konflitt ta' interess u li dawn jagħtu kont ta' għemilhom.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat u qiegħda tilqgħu.

*It-tieni aggravju: applikazzjoni ta' liġi li m'għadhiex fis-seħħ*

13. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal iddeċieda *in parte* l-appell magħmul lilu mis-soċjetà appellanta billi applika verżjoni tal-Att Dwar il-Protezzjoni u Privatezza tad-Data li ma għadhiex fis-seħħ, u ġja ma kinitx fis-seħħ meta il-Kummissarju ddeċieda l-vertenza bejn il-partijiet fit-30 ta' Lulju, 2018. Meta jagħmel riferiment għall-Att dwar il-Protezzjoni u Privatezza tad-Data, it-Tribunal jagħmel riferiment għall-Kap. 440[2], li kien ġie mħassar u ġie sostitwit bil-Kap. 586. Is-soċjetà appellanta tgħid li għaldaqstant isegwi li kull raġuni mogħtija mit-Tribunal b'riferiment għall-Kap. 440 hija legalment nulla.

14. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tgħid li minkejja r-referenza żbaljata li tinsab f'wieħed mill-paragrafi tad-deċiżjoni appellanta tat-Tribunal, din ir-referenza żbaljata ma tnaqqas xejn mis-sustanza tas-sentenza u ma xxejjen ebda argument li ġie preżentat fl-istess deċiżjoni. Barra minn hekk l-istess referenza ma kkreat ebda konflitt ma' dak li llum il-ġurnata jipprovdi

[2] Ara l-aħħar paragrafu tal-paġna qabel tal-aħħar tad-Deċiżjoni Appellata.

Kap. 586 f'dak li għandu x'jaqsam il-protezzjoni u l-privatezza tad-data u għaldaqstant din l-iżvista ċertament mhijiex biżżejjed sabiex trendi legalment nulla r-referenza li saret għall-Kap. 440.

15. Il-Qorti tqis li l-imsemmija referenza żbaljata għal-liġi inkwistjoni fid-deċiżjoni appellata, ma timpinġi bl-ebda mod fuq is-sustanza ta' dak li ntqal mit-Tribunal fir-*ratio decidendi* tiegħu u bl-ebda mod dan m'għandu jwassal għan-nullità ta' dak li ntqal mit-Tribunal, indipendentement minn jekk din il-Qorti taqbilx miegħu jew le.

Illi għalhekk din il-Qorti tqis illi t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq u qiegħda tiċħdu.

*It-tielet aggravju: l-inapplikabiltà tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496*

16. Fit-tielet aggravju tagħha s-soċjetà appellanta issostni li t-Tribunal wara li naqas għalkollox milli jikkunsidra l-argumenti li ressqet quddiemu rigward l-inapplikabilità tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496, ikkonkluda li peress li l-informazzjoni mitluba tikkostitwixxi data personali, din l-informazzjoni hija eżenti mill-Kap. 496 u ma setgħetx tintalab mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta tgħid li kemm il-Kummissarju, u anki t-Tribunal warajh, ddeċiedew illi l-ismijiet tal-persuni li ġġudikaw it-*tender* inkwistjoni hija protetta taħt l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586) u għalhekk tapplika l-eżenzjoni tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496. Fir-Risposta tagħha għall-appell

imressaq mis-soċjetà appellanta quddiem it-Tribunal, Projects Malta targumenta illi għar-rigward ta' data personali, Kap. 496, jistipula li l-istess Att m'għandux japplika għal dokumenti li jkun fihom 'data personali suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data' (l-artikolu 5(3)(a) ta' Kap. 496). Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Kummissarju, u sussegwentement anki t-Tribunal lanqas biss waslu biex jagħmlu l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-interess pubbliku kontra l-protezzjoni tad-data tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni li ntalbet l-informazzjoni dwarhom, meta kien tenut li jagħmel tali evalwazzjoni. Tgħid ukoll li l-interess pubbliku u l-libertà tal-informazzjoni u tal-espressjoni ma ġewx trattati minnha bħala assoluti, iżda kemm it-Tribunal, kif ukoll il-Kummissarju qablu, donnhom nsew li l-privatezza u l-protezzjoni tad-data huma suġġetti għad-dritt fundamentali tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni, li hija marbuta intrinsikament mad-dritt tal-espressjoni. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-artikolu 85(2) tar-Regolament UE 2016/679 magħruf bħala l-*General Data Protection Regulation* (GDPR) jgħid proprju hekk:

> *"For processing carried out for journalistic purposes or the purpose of academic artistic or literary expression Member States shall provide for exemptions or derogations from Chapter II (principles), Chapter III (rights of the data subject), Chapter IV (controller and processor), Chapter V (transfer of personal data to third countries or international organisations), Chapter VI (independent supervisory authorities), Chapter VII (cooperation and consistency) and Chapter IX (specific data processing situations) if they are necessary to reconcile the right to the protection of personal data with the freedom of expression and information."*

17. Is-soċjetà appellanta tgħid illi għalhekk l-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496, għandu jinqara fil-kuntest li l-protezzjoni tad-data ta' individwu ma tistax tiġi applikata fejn din ixxekkel id-dritt tal-espressjoni u l-informazzjoni. L-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496 jrid li l-eżenzjoni mil-libertà tal-informazzjoni mhux sempliċiment tapplika għaliex l-informazzjoni mitluba jkun fiha data personali, iżda d-data personali li jkun fiha trid tkun "suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data". Is-soċjetà appellanta tisħaq li biex ma tingħatax l-informazzjoni rikjesta, irid jiġi żgurat illi l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni tkun tikkostitwixxi ksur ta' xi prinċipju tal-protezzjoni tad-data, kif salvagwardjati mill-GDPR u l-liġijiet nazzjonali, fil-każ ta' Malta, il-Kap. 586, li għandhom ikunu konformi mal-GDPR. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll illi ma jistgħux jiġu rikonċiljati d-drittijiet tal-libertà tal-espressjoni u dak tal-privatezza jekk ma ssirx evalwazzjoni dwar jekk l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba, tirriżulta fi ksur irraġonevoli u inġustifikat tad-drittijiet tal-privatezza tal-individwu konċernat. L-appellanta tgħid li *ai termini* tal-GDPR, jirriżulta illi l-iStati Membri għandhom obbligu ("shall provide") li jipprovdu għal eżenzjoni jew deroga mid-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data favur il-libertajiet tal-espressjoni u informazzjoni. Tkompli tgħid illi dak li għamel il-Kummissarju, u sussegwentement anke t-Tribunal, kien proprju l-kontra, lanqas biss evalwaw jekk id-dritt tal-libertà tal-informazzjoni jeżiġix li tiġi mwarrba l-eċċezzjoni tal-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-informazzjoni mitluba, u b'hekk ma tiġix applikata l-eżenjoni *ai termini* tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496. Is-soċjetà appellanta tgħid li għall-kuntrarju ta' dak li targumenta l-Projects

Malta, fejn jirrigwarda l-libertà tal-informazzjoni, il-punt ta' tluq huwa dejjem favur din il-libertà tal-informazzjoni. Il-privatezza tad-data u l-kunfidenzjalità huma eċċezzjonijiet għal-libertà tal-informazzjoni, u mhux bil-maqlub. Is-soċjetà appellanta tissottometti li d-dritt tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni, li huwa dritt fundamentali tal-bniedem, protett taħt il-Kostituzzjoni tagħna, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union,* għandu jiġi interpretat bl-aktar mod wiesgħa sabiex dan il-valur u prinċipju ma jiġix ristrett jew limitat bl-applikazzjoni tal-prinċipji dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data, speċjalment meta dak li qed jintalab huwa biss l-isem tal-individwi li servew kariga pubblika u evalwaw l-għoti ta' kuntratt pubbliku. L-appellanta tgħid li wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni, kif għamel it-Tribunal, u l-Kummissarju qablu, li l-protezzjoni tad-data ta' individwu hija eżenzjoni assoluta sabiex ma tingħatax informazzjoni dwaru, meta din tiġi mitluba abbażi tal-Kap. 496. Is-soċjetà appellanta tgħid illi jekk fil-każ odjern wieħed jiżen ukoll id-dritt tal-privatezza tal-individwi konċernati mad-dritt fundamentali tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni, wieħed ma jistax ma jasalx għall-konklużjoni li l-informazzjoni mitluba kellha tingħata għaliex: (i) it-talba saret wara li ġie aġġudikat it-*tender* pubbliku, u mhux qabel jew waqt li kien qed jiġi aġġudikat. Kieku tali talba saret qabel jew waqt l-aġġudikazzjoni tat-*tender* seta' jiġi argument li l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni setgħet tippreġudika t-trankwillità meħtieġa mill-aġġudikanti tat-*tender,* għaliex tibda ssir pressjoni fuqhom minn kull min seta' jkollu interess jew ieħor. Iżda dan

ma japplikax għall-każ odjern fejn it-talba tal-appellanta saret wara l-aġġudikazzjoni tat-*tender;* (ii) il-Kummissarju ma ħax l-istess pożizzjoni li ħa f'deċiżjonijet oħra, pereżempju appell numru 9/2018 quddiem l-istess Tribunal fl-ismijiet **Allied Newspapers Limited *vs.* Foundation for Medical Services**, fejn fid-deċiżjoni appellata il-Kummissarju ordna li jiġu pubblikati l-kuntratti ta' tnejn min-nies ingaġġati taħt *positions of trust,* u mhux biss isimhom, għaliex skont l-istess Kummissarju dan kien neċessarju *"in order to promote transparency and accountability*" u fejn "*given that Ms. [omissis] contract is attached to a headship position which is paid by public funds, and that Mr. [omissis]'s employment is attached to a high position, the Commissioner is of the view that the public has an interest in knowing such information. The roles in question bring with them a degree of accountability, which is an element that requires the public authority to ensure transparency necessary in a democratic society."* Imma fil-każ odjern, fejn il-persuni inkwistjoni ġew ingaġġati biex jaqdu funzjoni pubblika u għal dan tħallsu minn fondi pubbliċi, u fejn kulma intalab kien isem dawn in-nies sabiex, bħala l-*public watchdog,* il-*media* tkun tista' tagħmel l-istħarriġ tagħha dwar il-korrettezza tal-proċess tal-evalwazzjoni tat-*tender* u jekk kienx hemm xi kunflitt ta' interess, il-Kummissarju, u warajh anki t-Tribunal, iddeċiedew b'mod differenti. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-*tender* aġġudikat mill-individwi li ntalab isimhom ċertament kien ta' interess pubbliku, għax ftit, jekk qatt, kien hawn *tenders* li qajmu interess pubbliku daqsu, kuntratt għall-immaniġġjar tal-isptarijiet pubbliċi Maltin li jiswa miljuni kbar, u ftit jista' qatt ikun hemm interess

pubbliku akbar minn dan, għaliex qed nitkellmu dwar is-servizzi tas-saħħa pubbliċi, materja li tolqot lil kull min li jagħmel użu mis-servizzi tas-saħħa pubbliċi. Tenut kont ta' dan kollu, dan għandu jwassal għal konklużjoni waħda biss, tgħid l-appellanta, li l-informazzjoni mitluba, li tikkonsisti biss f'lista ta' persuni li qdew il-funzjoni pubblika tagħhom fuq l-*adjudication committee* ta' *tender* pubbliku, għandha tiġi żvelata u mhux isir użu żbaljat tal-prinċipji tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data biex din l-informazzjoni tibqa' mistura. Tgħid l-appellanta li t-talba għall-informazzjoni qed issir minn *public watchdog* biex tiġi assigurata da parti tagħha l-korrettezza fl-għoti tat-*tender* u li ma kienx hemm skorrettezzi fl-għażla ta' min kellu jiġġudika t-*tender.* Meta mill-banda l-oħra jiġi kkunsidrat ix-xkiel jew nuqqas ta' xkiel għall-privatezza ta' dawn il-persuni li jista' jitqajjem bis-sempliċi fatt li jiġi żvelat isimhom, wieħed ma jistax jasal ħlief għall-konklużjoni illi t-talba tal-appellanta hija fil-fatt ġustifikata, neċessarja għaliex din l-informazzjoin ma tistax tinkiseb mod ieħor, u fl-interess pubbliku u għalhekk għandu japplika ukoll l-artikolu 9 tal-Kap. 586, li jfisser li din l-informazzjoni mitluba mhijiex protetta u riservata *ai termini* tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496. Awtoritajiet pubbliċi oħra ma naqsux milli jagħtu l-istess tip ta' informazzjoni bħal dik rikjesta mis-soċjetà appellanta in konnessjoni ma' *tenders* pubbliċi li kienu involuti fihom dawn l-awtoritajiet pubbliċi. Tgħid l-appellanta li apparti illi hemm preċedent mill-awtoritajiet pubbliċi f'din il-prassi, din il-prassi qatt ma kellha effett li '*jippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lill-Gvern jew lil awtorità pubblika oħra għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji*

*amministrati mill-awtorità'* li qed jibżgħu li jista' jkollha l-Kummissarju u anki t-Tribunal.

18. Is-soċjetà appellanta tilqa' għat-tielet aggravju mertu tal-appell odjern billi tgħid li dan huwa replika identika tal-ewwel aggravju imressaq mis-soċjetà appellanta fir-rikors t'appell quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellata targumenta li t-Tribunal naqas għalkollox milli jikkunsidra l-argumenti mressqa lilu permezz tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-appellanta u għaldaqstant din għażlet li tagħmel riproduzzjoni tal-istess nota fir-rikors tal-appell odjern. L-appellata tgħid li minkejja li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma tidħolx fid-dettall f'kull argument li ġie ppreżentat mis-soċjetà appellanta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, dan mhux neċessarjament ifisser li ma saritx konsiderazzjoni tal-istess argumenti. L-appellata tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismjiet **Ronnie Gauci *vs.* Direttur għas-Sigurtà Soċjali** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2010, fejn intqal kif ġej:

> *"… għalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull ġudikat, mhux neċessarju li din tkun waħda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tiġi individwata r-raġuni li titqieghed abbażi tad-deċiżjoni."*

Is-soċjetà appellata tgħid li minkejja li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma tagħmilx riferiment għal dak kollu li ġie sottomess kemm mis-soċjetà appellanta u kif ukoll minn dik appellata, dan ma jnaqqas xejn mill-analiżi li tkun saret sabiex l-istess Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Minkejja dan, l-istess deċiżjoni indikat bl-aktar mod ċar li artikolu 5(3)(a) u 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet

ta' Malta japplikaw għall-każ odjern u għaldaqstant is-soċjetà appellata ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti aċċess għad-dokumenti mitluba mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-tielet u r-raba' aggravju tal-appell odjern huma kjarament replika taż-żewġ aggravji preżentati fir-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal u għaldaqstant l-intenzjoni tas-soċjetà appellanta wara dan l-appell joħroġ b'mod ċar bħala opportunità sabiex tieħu ċans ieħor fuq materja li diġà ġiet deċiża. F'dan il-kuntest il-Qrati Maltin esprimew ruħhom f'diversi istanzi li tkun l-Ewwel Qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tagħmel l-aħjar apprezzament tal-fatti u li konsegwentement, tali apprezzament tal-fatti m'għandux jiġi disturbat b'mod leġġer mill-Qorti tal-Appell. Is-soċjetà appellata tispjega li mill-ġurisprudenza jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-Qorti tal-Appell, sakemm ma jkunx hemm xi żball tant gravi li jimmerita li l-istess Qorti tal-Appell terġa' tagħmel apprezzament komplet tal-fatti tal-każ, m'għandhiex tiddisturba d-deċiżjoni dwar l-apprezzament tal-fatti miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk, abbażi tal-istess ġurisprudenza, dawn l-aggravji, fl-opinjoni tas-soċjetà appellata għandhom jiġi miċħuda. Jidher ċar li f'dawn iż-żewġ aggravji ma ntqal xejn ġdid li ma ntqalx lill-Ewwel Qorti, iżda huma sostanzjalment ripetizzjoni tal-argumenti mressqa fit-trattazzjoni finali. Kwantu għal dak li ntqal fit-tielet aggravju mressaq mis-soċjetà appellata fis-sustanza, rigward d-deċiżjoni tal-Kummissarju u tat-Tribunal fejn sabu li l-informazzjoni mitluba hija eżentata milli tingħata u dan *ai termini* ta' artikolu 5(3) ta' Kap. 496 li jipproteġi dokumenti li jkunu jikkonsistu minn data personali ta' individwi, is-soċjetà appellata tgħid li dak li

qiegħed jiġi mitlub bit-talba li saret mis-soċjetà appellanta huwa proprju lista ta' ismijiet ta' individwi li kienu parti minn kumitat ta' evalwazzjoni u fid-dawl tat-tifsira ta' 'data personali' taħt il-Kap. 496, m'għandu jkun hemm ebda dubju li hekk kif sostna l-Kummissarju u t-Tribunal, din it-tip ta' informazzjoni hija waħda li tikkostitwixxi data personali u dan billi l-liġi stess issemmi espressament 'isem' ta' persuna naturali bħala informazzjoni li tikkostitwixxi data personali. Is-soċjetà appellanta tgħid li ma teżisti ebda deroga assoluta jew xi provediment fis-sens li d-dispożizzjonijiet ta' Kap. 496 għandhom jiġu injorati jew ridotti nulli. Għall-kuntrarju l-proviso għall-artikolu 9 jipprovdi illi *"meta jirrikonċilja d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali mad-dritt tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-kontrollur għandu jiżgura li l-ipproċessar huwa proporzjonat, neċessarju u ġustifikat għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali."* Is-soċjetà appellanta tgħid li f'diversi istanzi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qieset id-dritt għall-protezzjoni u l-privatezza tad-data personali bħala wieħed mil-limiti għad-dritt tal-espressjoni u f'sentenzi riċenti l-pendlu tal-bilanċ beda jxaqqleb lejn protezzjoni akbar għall-privatezza, u in sostenn ta' dan tiċċita d-deċiżjoni **Von Hannover *vs.* Germany**, tal-24 ta' Jannar, 2004, fejn il-qorti saħqet fuq l-importanza li għandha tingħata lejn il-kontribuzzjoni li kwalunkwe informazzjoni tista' tagħti għal dibattitu ta' interess ġenerali, u li anki fejn jeżisti l-interess pubbliku li l-informazzjoni għandha tiġi żvelata, dan għandu jċedi għall-protezzjoni effettiva tal-ħajja privata. Is-soċjetà appellata tgħid li fid-dawl ta' dan kollu, tajjeb li jiġi kkunsidrat li fir-rigward tal-interess pubbliku li jista' jeżisti għall-

ismijiet ta' min għamel ir-rakkomandazzjonijiet għall-kuntratt inkwistjoni, ma nġieb l-ebda argument, la quddiem il-Kummissarju u lanqas quddiem it-Tribunal ta' x'misteru ser isolvi l-iżvelar tal-ismijiet li kkomponew il-kumitat ta' evalwazzjoni jew x'interess pubbliku jista' l-istess ismijiet ikollhom. Is-soċjetà appellata tgħid li dak li qed jiġi mitlub mis-soċjetà appellanta mhuwiex informazzjoni dwar xi nuqqas fil-proċess tal-għoti ta' kuntratt, iżda informazzjoni dwar individwi li evalwaw l-offerti mitfugħa u għalhekk il-fatt li l-proġett huwa ta' interess pubbliku, bħal wara kollox kull proġett u kuntratt li jagħti l-Gvern, min jagħmel l-evalwazzjoni għan-nom tal-Gvern m'għandux ikun ta' interess pubbliku dment li l-proċess josserva l-liġi. Is-soċjetà appellata tgħid ukoll li t-trasparenza li s-soċjetà appellanta tħoss li għandha tissalvagwardja, ma tintlaħaqx billi jiġu żvelati d-dettalji tal-ismijiet tal-invidiwi, iżda billi jiġu osservati l-proċeduri u r-regolamenti li jirregolaw il-proċess tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi. Is-soċjetà appellata tgħid li bl-istess raġunament jiġu żvelati l-ismijiet ta' professjonisti li taw pariri, il-parir innfisu li taw u kwalunkwe biċċa informazzjoni kunfidenzjali u privileġġjata li tifforma parti mill-proċess ta' għoti ta' kuntratt, imma dan ma jistax iseħħ u dan propju għax hemm liġijiet li japplikaw u għax fl-aħħar mill-aħħar il-libertà tal-espressjoni u l-interess pubbliku mhumiex l-uniċi regolamenti li jiffurmaw is-saltna tad-dritt f'pajjiżna. Kwantu għall-pożizzjoni differenti li ħa l-Kummissarju fid-deċiżjoni ċċitata mis-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata tgħid li s-soċjetà appellanta ppreżentat każ solitarju fejn it-talba għal lista ta' ismijiet ġiet milqugħa u ssottomettiet li dan il-każ ħoloq xi forma ta'

preċedent. Is-soċjetà appellanta tgħid li huwa għalkollox bla bażi li jiġi sottomess dan l-argument f'ġurisdizzjoni meta lanqas sentenza ta' kwalunkwe Qorti m'għandha s-saħħa li toħloq preċedent u sservi bħala bażi għall-Qrati oħra, u l-preżentata ta' każ solitarju li huwa totalment distint minn dak odjern, ma jippreġudika bl-ebda mod ir-raġunijiet ta' rifjut li abbażi tagħhom ġiet rifjutata t-talba tas-soċjetà appellanta.

19. Għalkemm huwa veru li d-dritt għall-informazzjoni mhuwiex wieħed assolut, speċjalment fejn id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tabilħaqq ikun mhedded, min-naħa l-oħra din il-Qorti tqis li l-ewwel presuppost għandu dejjem jkun favur l-'interess pubbliku sostanzjali' li jiġu mħarsa d-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni. Biex ma tingħatax l-informazzjoni rikjesta, irid jiġi żgurat illi l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni tkun tikkostitwixxi ksur ta' xi prinċipju tal-protezzjoni tad-data, kif salvagwardjati mill-GDPR u l-liġijiet nazzjonali, fil-każ ta' Malta, il-Kap. 586. Barra minn hekk ma jistgħux jiġu rikonċiljati d-drittijiet tal-libertà tal-espressjoni u dak tal-privatezza jekk ma ssirx evalwazzjoni dwar jekk l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba, tirriżulta fi ksur irraġonevoli u inġustifikat tad-drittijiet tal-privatezza tal-individwu konċernat. Il-privatezza tad-data u l-kunfidenzjalità huma eċċezzjonijiet għad-dritt għall-informazzjoni, u mhux bil-maqlub.

20. Il-Qorti ma taqbel xejn mal-interpretazzjoni li ngħatat mill-Kummissarju, u warajh mit-Tribunal, li l-ismijiet tal-membri tal-*evaluation committee "for the assessment and awarding of the request for proposals for the service*

*concession for the redevelopment, maintenance, management and operation of the sites at St. Luke's Hospital, Karin Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital",* hija 'data personali' protetta taħt l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586) u għalhekk tapplika l-eżenzjoni tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496. L-imsemmi *evaluation committee* u l-membri li kienu jikkomponuh, qdew funzjoni strettament pubblika u d-dritt għall-privatezza ta' dawn il-membri m'għandu jikkonfigura mkien fit-twettiq tal-imsemmija funzjoni pubblika. L-informazzjoni mitluba hija dwar il-kompożizzjoni ta' *evaluation committee* fdat b'responsabbiltajiet intrinsikament pubbliċi u l-iżvelar ta' tali informazzjoni bl-ebda mod ma jista' jirriżulta fi ksur irraġonevoli u inġustifikat tad-drittijiet tal-privatezza tal-individwi konċernati. 'Il għaliex ċertament m'għandu jkun hemm xejn privat fil-qadi ta' dawk ir-responsabbiltajiet li huma għalkollox pubbliċi, għax jikkonċernaw l-infiq ta' miljuni kbar ta' Euro minn sorsi pubbliċi. Fl-evalwazzjoni li kellha ssir, imma li effettivament ma saritx bil-mod kif kellha ssir, mill-Kummissarju u sussegwentement mit-Tribunal, bejn id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni tas-soċjetà appellanta, li hija s-sid ta' gazzetti ewlenin f'Malta, u dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-membri tal-*evaluation committee* inkwistjoni, m'hemmx dubju li kellu jipprevali l-interess (tal-)pubbliku li jkun jaf min kienu dawn il-membri, mhux sabiex jissolva xi 'misteru' jew sabiex issir xi *'witch hunt'*, imma sabiex jiġi żgurat li dawn il-membri, li kienu mħallsin minn fondi pubbliċi, operaw fl-akbar trasparenza u kontabilità, u li ġiet evitata kull possibilità ta' konflitt ta' interess, u sabiex dawn il-membri jkunu jistgħu

jinżammu kontabbli ta' għemilhom. Ironikament is-soċjetà appellata qed tinvoka l-interess pubbliku sabiex tiġi mħarsa 'data personali' li mhija personali xejn, taħt il-pretest tal-ħarsien tad-dritt għall-privatezza u kunfidenzjalità, meta fil-fatt l-iżvelar tal-informazzjoni rikjesta kien proporzjonat, meħtieġ u ġustifikat għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali fit-termini tal-*proviso* għall-artikolu 9 tal-Kap. 496. Il-Qorti ttenni li huwa inkonċepibbli kif seta' jiġi argumentat li l-kompożizzjoni tal-*evaluation committee* li kellu funzjoni mill-aktar pubblika li jevalwa *tender* pubbliku mill-aktar sensittiv, relatat mas-settur tas-saħħa li jikkonċerna lil kulħadd, senjatament l-iżvilupp mill-ġdid u l-immaniġġjar ta' tliet sptarijiet pubbliċi, kuntratt tal-valur ta' aktar minn biljun Euro fuq perijodu ta' tletin (30) sena, ma setgħetx tiġi żvelata stante li kellu jitħares id-dritt għall-privatezza tal-membri tal-imsemmi kumitat.

21. Fi kliem l-Onor. Prim Ministru meta kien qiegħed jippilota l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni mill-Parlament:

> *"il-prattika kienet li l-informazzjoni tibqa' kunfidenzjali sakemm ma jkunx hemm raġuni biex isir mod ieħor. ... Bil-proposta ta' din il-liġi qegħdin naqilbu din il-prattika kompletament ta' taħt fuq, għax issa il-premessa li qegħdin inressqu għall-konsiderazzjoni tal-Qorti hija premessa li tgħid li l-informazzjoni issa se tkun soġġetta li tiġi żvelata sakemm ma jkunx hemm raġuni valida skont kriterji stabbiliti mil-liġi għaliex m'għandhiex tkun żvelata. ... It-trasparenza hija wkoll mezz ewlieni biex tiżgura li l-korruzzjoni u l-abbuż ta' poter ma jaqbdux għeruq u li jinkixfu u jinqerdu fejn ikunu preżenti."*[3]

[3] Dibattiti Parlamentari - Seduta 31.07.2008.

22. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [EctHR] fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Társaság A Szabadságjogokért v. Hungary**[4] għamlitha ċara li meta awtoritajiet pubbliċi jkollhom informazzjoni li tkun meħtieġa għad-dibattitu pubbliku, ir-rifjut li jipprovdu dokumenti lil dawk li jitolbu aċċess jitqies bħala ksur tad-dritt tal-libertà tal-iespressjoni u tal-informazzjoni kif garantiti bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [ECHR]. F'din is-sentenza l-Qorti semmiet:

> *"the 'censorial power of an information monopoly' when public bodies refuse to release information needed by the media or civil society organisations to perform their "watchdog" function. It also considered that the State had an obligation not to impede the flow of information sought by a journalist or NGO. The EctHR recognized civil society's important contribution to the discussion of public affairs and designated the applicant association, which was involved in human rights litigation, as a social "watchdog". In these circumstances the applicant's activities as an NGO warranted Convention protection similar to that afforded to the press. Furthermore, given the applicant's intention to impart the requested information to the public, thereby contributing to the public debate concerning legislation on drug related offences, its right to impart information was clearly impaired and the ECtHR found a violation of Article 10 ECHR."* [5]

[4] 1616 ECtHR 14 ta' April, 2009.
[5] Dirk Voorhoof, Ghent University, Jannar 2017.

Anki f'każijiet sussegwenti, l-ECtHR sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 10 tal-ECHR minħabba rifjut ta' aċċess għal dokumenti uffiċjali.[6] F'sentenza fl-ismijiet **Guseva v. Bulgaria**[7], il-Qorti qalet:

> *"the gathering of information with a view to its subsequent provision to the public can be said to fall within the applicant's freedom of expression as guaranteed by Article 10 of the Convention".*
>
> *...*
>
> *"by not providing the information which the applicant had sought, the mayor interfered in the preparatory stage of the process of informing the public by creating an administrative obstacle (..) The applicant's right to impart information was, therefore, impaired."*

Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Magyar Helsinki Bizottság v. Hungary**[8], ma ħalliet l-ebda dubju dwar l-applikabbilità tal-Artikolu 10 tal-ECHR f'każijiet ta' rifjut ta' aċċess għal dokumenti uffiċjali fil-kuntest ta' kwistjoni ta' dibattitu pubbliku. Meta rrifjutaw l-aċċess għall-informazzjoni mitluba, l-awtoritajiet Ungeriżi impedew l-eżerċizzju tal-NGO applikanta tal-libertà tagħha li tirċievi u li tipprovdi informazzjoni, b'mod li kien jolqot proprju s-sustanza tad-drittijiet tagħha taħt l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dwar ir-rwol tas-soċjetà ċivili f'demokrazija parteċipattiva, il-Qorti enfasizzat li l-aċċess għal dokumenti pubbliċi mill-istampa u l-NGOs jista' jikkontribwixxi għal *"transparency on the manner of conduct of public affairs*

[6] ECtHR 26.06.2009, Kenedi v. Hungary; ECtHR 25.06.2013, Youth Initiative for Human Rights v. Serbia; ECtHR 28.11.2013; Österreichische Vereinigung zur Erhaltung, Stärkung und Schaffung eines wirtschaftlich gesunden landund forstwirtschaftlichen Grundbesitzes v. Austria; u ECtHR 24.06.2014, Roşiianu v. Romania.

[7] ECtHR 17.02.2015.

[8] ECtHR 08.11.2016.

*and on matters of interest for society as a whole and thereby allows participation in public governance".* Tgħid ukoll li *"that civil society makes an important contribution to the discussion of public affairs",* u li *"the manner in which public watchdogs carry out their activities may have a significant impact on the proper functioning of a democratic society. It is in the interest of democratic society to enable the press to exercise its vital role of "public watchdog" in imparting information on matters of public concern … just as it is to enable NGOs scrutinising the State to do the same thing. Given that accurate information is a tool of their trade, it will often be necessary for persons and organisations exercising watchdog functions to gain access to information in order to perform their role of reporting on matters of public interest. Obstacles created in order to hinder access to information may result in those working in the media or related fields no longer being able to assume their "watchdog" role effectively, and their ability to provide accurate and reliable information may be adversely affected."*

23. Fil-każ odjern għalkemm isem il-membri tal-*evaluation committee* jista' f'termini strettament legali jiġi kkunsidrat bħala 'data personali', ma kien teżisti l-ebda theddida għad-dritt għall-privatezza tal-membri tal-imsemmi *evaluation committee* u għall-kuntrarju l-iżvelar ta' isem dawn il-membri kien meħtieġ, proporzjonat u ġustifikat fl-interess pubbliku sostanzjali *ai termini* tal-*proviso* għall-artikolu 9 tal-Kap. 496, u għalhekk ma kelliex tiġi applikata l-eżenzjoni taħt l-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 496.

Għal dawn ir-raġunijiet tqis illi t-tielet aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa wieħed ġustifikat u qiegħda tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju: l-inapplikabbiltà tal-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 496*

24. Permezz tar-raba' aggravju, is-soċjetà appellanta tgħid illi t-Tribunal ikkonkluda b'mod erronju, illi japplika ukoll l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 496 u li l-unika informazzjoni dwar persuna li tista' tingħata hija *"biss l-istatus ta' persuna bħala membru ta' professjoni iżda mhux l-isem jew l-ismijiet ta' tali persuna."* Tgħid illi t-tieni raġuni li ta l-Kummissarju għad-deċiżjoni tiegħu fejn ċaħad it-talba tal-appellanta għall-informazzjoni rikjesta, hija li kien japplika l-artikolu 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap. 496, peress li fil-fehma tiegħu, *"its disclosure under this Act could reasonably be expected to prejudice the administration of matters administered by the authority."* Is-soċjetà appellanta tgħid li fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju jgħid hekk:

> *"14. Having taken into consideration that the Department of Contracts does not publish the names of the members on the evaluation committee during the evaluation process, nor after such process has been terminated, and that its Standard Operating Procedure makes it clear that the point of contact between the contracting authority and the bidders is through the e-Public Procurement System, where the information being circulated is monitored."*[9]

[9] Deċiżjoni tal-Kummissarju, p. 4, para. 3 (enumerat 14).

Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Kummissarju kien fattwalment inkorrett meta għamel riferiment għall-proċeduri *standard* tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan għaliex, fejn fil-proċeduri *standard* tal-istess Dipartiment, it-*tenders* jiġu evalwati mill-istess Dipartiment, fil-każ odjern id-Dipartiment ma kienx involut fl-evalwazzjoni tat-*tender,* liema evalwazzjoni saret direttament mill-Projects Malta, u cioé persuni direttament appuntati minnha biex jaqdu l-funzjoni ta' *evaluation committee.* Barra minn hekk, dak li qed jintalab mill-appellanta huwa biss lista ta' ismijiet ta' persuni li qdew funzjoni pubblika fuq kumitat ta' evalwazzjoni ta' *tender* pubbliku, fi żmien meta l-proċess ġja ngħalaq u ilu magħluq għal numru ta' xhur. Għalhekk, ma jista' qatt ikun hemm biżgħa li l-proċess tat-*tender* mertu tat-talba tal-appellanta jista' b'xi mod jiġi influwenzat jew affettwat mill-istess talba u lanqas ma jista' jingħad illi ser jiġu affettwati proċessi oħra simili aktar 'l quddiem, kif ikkonkluda l-Kummissarju, tant hu hekk li diversi awtoritajiet pubbliċi oħra taw lill-appellanta u lil entitajiet oħra tal-*media* l-istess tip ta' informazzjoni bħal dik mitluba mill-appellanta, fir-rigward ta' *tenders* oħra. Is-soċjetà appellanta tgħid illi ma hemm proprju xejn x'jindika li l-fatt li l-ismijiet ta' min qeda funzjoni pubblika fuq *selection committee* li ġiet mgħoddija minn dawn l-awtoritajiet pubbliċi lill-*media* b'xi mod fixkel lill-istess awtoritajiet pubbliċi jew lill-Gvern f'proċeduri ta' *tenders* oħra sussegwenti. L-appellanta tgħid illi sabiex ma jkun hemm ebda dubju dwar l-integrità tal-proċess u t-trasparenza mixtieqa, kien meħtieġ li din l-informazzjoni tkun reża pubblika wara li jingħalaq u jiġi aġġudikat it-*tender.* L-appellata tgħid li dan huwa mezz biex, min ikun qed

jaqdi d-dover tiegħu, ikun jaf li huwa *accountable* u dan ċertament li huwa fl-interess pubbliku. L-appellanta tgħid li bħala *public watchdog* hija għandha d-dover pubbliku li tistħarreġ u taċċerta ruħha li l-għoti ta' kuntratti pubbliċi jkun riżultat ta' proċess trasparenti u korrett u għalhekk għandu jkollha f'idejha l-informazzjoni meħtieġa biex twassalha għall-iskrutinju tal-proċess. Fejn il-proċess ikun wieħed ta' evalwazzjoni ta' *tender,* huwa ovvju li huwa fl-interess ta' kulħadd li jkun aċċertat li ma kienx hemm influwenza mhix xierqa jew xi forma ta' irregolarità oħra f'dan il-proċess. Skont l-appellanta l-konflitti ta' interess huma sitwazzjonijiet li qatt ma għandhom jitħallew iseħħu f'kuntest tant sensittiv bħalma huwa l-evalwazzjoni ta' offerti għall-ipprivatizzar tal-isptarijiet pubbliċi, u għandha tkun l-awtorità pubblika stess li sserraħ moħħ in-nies f'dan ir-rigward billi tippubblika l-ismijiet tal-membri tal-kumitat li aġġudika t-*tender*. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-mistoqsija li kellha tiġi indirizzata mill-Kummissarju u mbagħad mit-Tribunal, kellha tkun - "fuq liema naħa għandu jmil il-miżien meta fuq keffa minnhom tiqiegħed il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni favur il-ġurnaliżmu u l-interess pubbliku, u fuq il-keffa l-oħra titqiegħed l-biżgħa ipotetika, ta' xi preġudizzju ipotetiku[10] li jista' jkun hemm jekk isir dak li huwa xieraq fl-interess tat-trasparenza fl-għoti ta' *tenders* pubbliċi ta' importanza nazzjonali, billi sempliċiment tingħata lista tal-ismijiet tal-persuni li qdew funzjoni pubblika u aġġudikaw *tender* wara li jkun

---

[10] Li dak li jingħad mill-Kummissarju huwa fil-fatt biss ipotesi, joħroġ mil-lingwaġġ użat mill-Kummissarju nnifsu: "15. Having taken into consideration that if such information is disclosed such disclosure **could** prejudice **future** calls as it **could** provide **potential** **future** bidders for similar tenders/concessions and the public, with information which **may** lead to alternative routes of communication for **future** tenders with **potential** members of evaluation committee, resulting in negatively affecting and compromising the procurement procedures."

ingħalaq għalkollox l-eżerċizzju tal-aġġudikazzjoni u ngħata l-kuntratt pubbliku?". L-appellanta tgħid illi t-Tribunal ma indirizzax din il-mistoqsija u ma għamilx l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni li kellu jsir.

25. Is-soċjetà appellata ssostni li l-informazzjoni mitluba m'għandhiex tingħata fejn *ai termini* tal-artikolu 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap. 496 l-informazzjoni għandha tkun eżentata billi din tista' raġonevolment tippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lill-Gvern jew lil entità pubblika oħra għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-entità. Is-soċjetà appellata tissottometti li l-ħatra ta' individwi fuq kumitati ta' evalwazzjoni issir fuq il-bażi li l-identità tal-istess individwi tibqa' mistura u dawn l-individwi jiġu mitluba li jiffirmaw dikjarazzjoni li huma indipendenti u imparzjali mill-proġett inkwistjoni. L-appellata tgħid li għandu jkun il-Gvern li jirrispondi għal kwalunkwe deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-kuntratt pubbliku inkwistjoni għaliex finalment huwa l-Gvern li jidħol fil-kuntratt relattiv u huwa l-Gvern bħala organu li għandu jġorr kwalunkwe kritika li tista' ssir fil-konfront tiegħu. Is-soċjetà appellata tgħid li fl-aħħar mill-aħħar min jaġġudika huwa immaterjali, u dak li huwa ta' interess pubbliku huwa l-mod ta' kif jaġġudika u kwalunkwe nuqqas li seta' kien hemm fil-proċess ta' evalwazzjoni u aġġudikazzjoni. L-appellata ssostni li dak li huwa importanti fl-aħħar mill-aħħar huwa jekk il-proċess ta' evalwazzjoni kienx wieħed skont il-liġi. L-appellata tgħid li s-soċjetà appellanta ma tara li hemm ebda preġudizzju li jista' jsir bil-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni u tinjora għalkollox l-assikurazzjoni u s-serħan tal-moħħ li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni

tagħti li dawk l-individwi li jiddedikaw ħinhom sabiex jagħtu dan is-servizz oneruż. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata ssostni li dan il-fattur huwa proprju sors ta' serenità għal dawk li jingħataw l-obbligu oneruż li jevalwaw offerti li bħal fil-każ odjern jistgħu jkunu kumplessi u ta' ċertu dettall. L-appellata tgħid li huwa skorett li jiġi argumentat li dan għandu japplika biss fl-istadju li dan il-proċess ikun qed isir u wara l-għoti tal-kuntratt isem l-istess individwi jista' jiġi żvelat. L-appellata tgħid illi jekk l-ismijiet tal-membri jiġu żvelati mhux ser ikun faċli għall-Gvern li jsib individwi li jkunu lesti li jaġġudikaw u jevalwaw offerti ġejjin minn offerenti li jġorru saħħa finanzjarja kbira fil-pajjiż. L-appellata tgħid li ma ngħatatx raġuni waħda konvinċenti mill-appellanta dwar għalfejn il-poplu Malti għandu jkun jaf l-isem tal-individwi li kienu wara l-proċess ta' evalwazzjoni u dan bi ksur dirett tad-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni u l-privatezza tad-data. L-appellata tgħid li huwa fid-dawl ta' dan kollu li tapplika bis-sħiħ l-eżenzjoni provduta f'artikolu 32(1)(ii)(ċ).

26. Is-soċjetà appellata tgħid li s-soċjetà appellanta hija ukoll skorretta fl-argument tagħha li l-i*standard operating procedures* tad-Dipartiment tal-Kuntratti ma japplikawx fil-każ odjern għaliex l-istess Dipartiment ma kienx involut fl-evalwazzjoni tat-*tender*. L-appellata tgħid li l-fatt li entità bħala tkun qed tieħu ħsieb il-proċess ta' evalwazzjoni, ma jnaqqas xejn mill-involviment tad-Dipartiment tal-Kuntratti fl-istess proċess, liema funzjoni toħroġ mil-liġi sussidjarja 174.04 li hija ċara fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet li d-Dipartiment tal-Kuntratti huwa meħtieġ li jagħti fi proċess ta' għoti ta' kuntratt pubbliku.

27. Din il-Qorti tqis li m'għandhiex tapplika għall-każ odjern l-analoġija li saret mill-Kummissarju mal-i*standard operating procedure* tad-Dipartiment tal-Kuntratti li ma jippubblikax l-ismijiet tal-membri tal-*evaluation committee* matul il-proċess tal-evalwazzjoni, u lanqas wara li jiġi terminat. Dan għaliex fir-regolamenti u fil-proċeduri applikabbli għad-Dipartiment tal-Kuntratti, jeżistu salvagwardji u miżuri oħrajn inerenti fis-sistema maħsuba biex jiżguraw li l-membri tal-*evaluation committee* jitbiegħdu minn sitwazzjonijiet ta' konflitt ta' interess u li jinżammu kontabbli ta' għemilhom, liema salvagwardji ma jidhirx li kienu jeżistu fil-każ tal-*evaluation committee* mertu ta' dawn il-proċeduri, u dan indipendentement minn kull awtorizzazzjoni li setgħet ingħatat mid-Dipartiment tal-Kuntratti skont ir-regolamenti applikabbli. Fil-każ odjern l-*evaluation committee* inkwistjoni kien wieħed *ad hoc* u mhux wieħed permanenti, u l-argument li nġib mis-soċjetà appellata li l-iżvelar tal-ismijiet tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni jwassal biex itellef is-serenità u t-trankwilità meħtieġa sabiex il-membri tal-istess kumitat jesplikaw l-inkarigu delikat mogħti lilhom ħielsa minn kull pressjoni li tista' ssir jekk isimhom ikun magħruf pubblikament ma jreġix, mhux biss għar-raġuni li diġà semmiet dwar sitwazzjonijiet ta' konflitt ta' interess mhux dikjarat, imma anki għaliex in-nuqqas ta' żvelar jista' jġib miegħu sens falz ta' serenità u sigurtà għal tali membri, li għax ikunu ħielsa mill-pressjoni li tista' ssir mill-istampa u mis-soċjetà ċivili, allura jistgħu jaħsbu li huma ħielsa wkoll mid-dmir li jaħdmu b'mod kontabbli u trasparenti. Il-Qorti assolutament ma tistax taqbel ma dak li qiegħda ssostni s-soċjetà appellata meta tgħid li fl-aħħar mill-aħħar isem min

jaġġudika huwa immaterjali, u dak li huwa ta’ interess pubbliku huwa l-mod ta’ kif jaġġudika u kwalunkwe nuqqas li seta’ kien hemm fil-proċess ta’ evalwazzjoni u aġġudikazzjoni. Il-Qorti tirrileva li l-fatt li membru ta’ *evaluation committee* jkollu konflitt ta’ interess jista’ jkun ħafna materjali u dan ċertament ser jirrifletti fuq il-mod ta’ kif jaġġudika, u l-fatt li isem dak il-membru ma jkunx magħruf pubblikament, jista’ jagħmilha aktar diffiċli biex tali konflitt ta’ interess joħroġ fil-beraħ. Barra minn hekk, fil-każ odjern ma jistax jingħad li l-iżvelar tal-informazzjoni rikjesta *“jista’ jkun raġonevolment mistenni li jippreġudika l-provvista futura ta’ informazzjoni lill-Gvern jew lil awtorità pubblika oħra għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta’ liġi jew l-amministrazzjoni ta’ materji amministrati mill-awtorità”*, ’il għaliex il-Qorti ma tistax tara b’liema mod jista’ jinħoloq tali preġudizzju. Il-Qorti tqis li l-uniku eżempju li ssemma mis-soċjetà appellata ta’ dan il-preġudizzju, kien dak illi jekk l-ismijiet tal-membri tal-kumtitat jiġu żvelati, mhux ser ikun faċli għall-Gvern li jsib individwi li jkunu lesti li jaġġudikaw u jevalwaw offerti ġejjin minn offerenti li jġorru saħħa finanzjarja kbira fil-pajjiż. Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-hekk imsejjaħ preġudizzju huwa għalkollox remot, jekk mhux ukoll ipotetiku, meta tqis il-kwantità kbira ta’ nies ikkwalifikati li għandu dan il-pajjiż, li jistgħu jaqdu inkarigi sensittivi bħalma kellhom il-membri tal-*evaluation committee* fil-każ odjern. Dan apparti li l-*evaluation committee* f’dan il-każ kien wieħed *ad hoc* u mhux permanenti, li jagħmel il-preġudizzju aktar remot u ipotetiku.

Għar-raġunijiet imsemmija, tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma kienx applikabbli l-artikolu 32(1)(ii)(ċ) tal-Kap. 496, u għalhekk r-raba' aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa wieħed mistħoqq u qiegħda tilqgħu.

*Il-ħames aggravju: applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 32(3) tal-Kap. 496*

28. Is-soċjetà appellanta tgħid illi t-Tribunal wasal għall-konklużjoni żbaljata illi l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 496 japplika dejjem u awtomatikament meta l-informazzjoni li tintalab hija dwar l-isem ta' persuna u l-unika darba li ma japplikax l-artikolu 32(1)(ċ) huwa meta dak li jintalab jinkwadra ruħu fl-artikolu 32(3).

Is-soċjetà appellanta tgħid li dan huwa prinċipju żbaljat u jmur kontra dak li trid il-libertà tal-informazzjoni. Anki jekk wieħed jieħu t-test tal-artikolu 32(1)(ċ), malajr jinduna li għandha ssir evalwazzjoni ta' jekk l-informazzjoni mitluba tirrigwardjax "*l-affarijiet tan-negozju"* tal-persuna konċernata u jekk:

> "*(i) l-iżvelar tagħha jolqot ħażin, jew raġonevolment ikun mistenni li jolqot ħażin, b'mod mhux raġonevoli lil dik il-persuna fir-rigward tan-negozju jew affarijiet professjonali leġittimi tagħha; jew*
>
> *(ii) l-iżvelar tagħha taħt dan l-Att jista' jkun raġonevolment mistenni li jippreġudika l-provvista futura ta' informazzjoni lill-Gvern jew lil awtorità pubblika oħra għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' liġi jew l-amministrazzjoni ta' materji amministrati mill-awtorità."*

Is-soċjetà appellanta ssostni li ma jistax jingħad, kif ikkonkluda t-Tribunal, illi japplika l-artikolu 32(1)(ċ)(ii) tal-Kap. 496. Il-konklużjoni tal-evalwazzjoni rikjesta mil-liġi għandha tkun illi m'hemm xejn x'juri kif il-*provvista futura ta' informazzjoni lill-Gvern* ser tiġi ppreġudikata bl-iżvelar tal-informazzjoni mitluba, tenut kont anke tal-fatt, kif ġie provat fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, illi entitajiet oħra pubbliċi b'mod ġenerali dejjem jipprovdu din it-tip ta' informazzjoni u ma sofrewx xi preġudizzju tat-tip imsemmi fit-test tal-liġi fuq ċitat.

29. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi fl-ebda punt fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ma wasal għall-konklużjoni li huwa biss fejn jissussistu r-rekwiżiti stipulati fl-artikolu 32(3) li l-artikolu 32(1)(ċ) ma japplikax. L-appellata tgħid li jidher ċar li t-Tribunal qal biss li meta jkunu jeżistu ċ-ċirkostanzi tal-artikolu 32(3), l-artikolu 32(1)(ċ) ma japplikax, iżda bl-ebda mod ma ta x'jifhem li dik hija l-uniku sitwazzjoni fejn dan l-artikolu ma japplikax.

30. Il-Qorti tqis li fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal qal illi:

> *"Jingħad ukoll li l-artikolu 32(3) jgħid li s-subartikolu (1)(ċ) ma għandux japplika għal informazzjoni li għandha x'taqsam biss mal-istatus ta' persuna bħala membru ta' professjoni.*
>
> *Li mill-premess għalhekk jirriżulta li ma hemm xejn kontra l-Kap. 496 jekk l-informazzjoni mitluba tkun tirrigwarda biss l-istatus ta' persuna bħala membru ta' professjoni iżda mhux l-isem jew ismijiet ta' tali persuna."*

Tqis ukoll li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata bl-ebda mod ma jgħid li l-unika darba li ma japplikax l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 496 huwa meta dak li jintalab jinkwadra ruħu fl-artikolu 32(3).

Għal din ir-raġuni tqis illi l-ħames aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq u qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**1. Filwaqt li tiċħad it-tieni u l-ħames aggravju mressqa mis-soċjetà appellanta, tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju miġjuba minnha;**

**2. Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Marzu, 2019, tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fl-ismijiet premessi tat-30 ta' Lulju, 2018 u tordna lis-soċjetà appellata sabiex din tipprovdi minnufih lis-soċjetà appellanta l-ismijiet tal-membri li kienu jiffurmaw parti mill-*evaluation committee* li wassal biex il-kumpannija Vitals Global Healthcare tingħata l-kuntratt pubbliku għar-*redevelopment, maintenance, management and operations* tal-Isptar San Luqa, tal-Isptar Karin Grech, u tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-isfond tat-*tender* pubbliku li kien ġie ppubblikat bin-numru RFP/04/201.**

**Bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk ta' dan l-appell, għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**